MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2008

Numru. 97/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**versus**

**Maria Concetta Vella**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Maria Concetta Vella ta’ 43 sena, bint Carmel Borg u Jane nee Meilaq, ilwielda n-Nadur (Għawdex) nhar it-28 ta’ Ġunju, 1964 u residenti Margaret Flats, Flat 1, Triq San Lwiġi, Msida u detentriċi tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 25464 G

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer nhar l-24 ta' Mejju 2008 kif ukoll fil-ġranet ta' qabel. f'ħinijiet differenti u f'diversi postijiet madwar Malta

(a) Forniet jew pprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga imsemmija u ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Forniet jew pprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga imsemmija u ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kelhau licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) U aktar talli kellha fil-pussess tagħhu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) U aktar talli kellha fil-pussess tagħhu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) U aktar talli kellha fil-pussess taghha xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oggetti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Mejju 2008, i-tweġiba ta' l-imputata li 'Mhux Ħati' a fol.11, kif ukoll l-ammissjoni tagħha magħmula fit-2 ta' Ġunju 2008 liema ammissjoni hija kkonfermat wara li ngħatat ħin biżżejjed biex taħsibha, il-

fedina penali ta’ l-imputata a fol.14,15, 16, iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha li jġib in-numru 254 ta’ l-1964, l-istqarrija ta’ l-imputata tal-25 ta’ Mejju, 2008 (fol.22) u d-dikjarazzjoni maħgmula mill-Prosekuzzjoni li l-imputata għandha tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-abbli Prosekutur u mill-abbli difensur.

Ikkunsidrat

Li ġaladarba l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet, dawn kienu ppruvati skond il-Liġi.

Ikkunsidrat

Li skond l-istqarrija ta’ l-imputata jirriżulta li hi kienet tieħu tliet kwarti ta’ gramma kull jum u li kienet biegħet l-eroina l-aħħar ġimgħa sabiex tkun tista’ żżomm il-habit tagħha. L-imputata ma taħdimx, m’għandhiex flus u biex tkun tista’ ssostni lilha nnifisha kellha tbiegħ ħalli tkun tista’ terġa’ tixtri. (Ara fol.23).

**Il-Qorti tagħmilha ċara li m’hemm ebda skuża fil-Liġi għal xi bejjiegħ tad-droga sabiex dan isostni l-vizzju tiegħu.**

Quddiem il-Liġi huwa qed ‘jittraffika’ u għalhekk qed jikser l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsmiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap 101, l-artikoli 17(h), 17(f)u 18 tal-Kap 9 u l-artikoli 35(3), 51(9), 56, u t-Tielet Skeda tal-Kap 480 – l-Att Dwar l-Armi – issib lill-imputat ħatja ta’ l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħha bit-tielet imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda u bir-raba’ imputazzjoni assorbita fit-tieni waħda ai termini ta’ l-artikolu 17(h) tal-kap 9 u qed tapplika wkoll l-artikoli 17(f)

tal-Kap 9 fejn għandhom x'jaqsmu t-tieni u l-ħames imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputata għandha tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101, ikkonsidrat dak kollu li ssottomettiet id-difiża dwar xi problemi li kellha tiffaċċja l-imputata u li d-droga misjuba kienet ta' aktar minn individwu wieħed. Barra minn dan hija għamlet ammissjoni bikrija.

Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistax tinjora li hawn si tratta ta' bejgħ ta' droga perikoluża, li l-imputata llum mhix ta' eta' żgħira u l-fedina penali turi l-imputata diġa' ġiet ikkundannata minħabba li nstabet ħatja li kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina. (21 ta' Lulju 2005). Mill-istqarrija jidher ukoll li biegħet għal aktar minn darba.

Għaldaqstant qed tikkundanna lill-imputata għal piena ta' ħmistax-il xahar priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputata għaddiet taħt arrest preventivi kif ukoll għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' €900 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 Ewros li ma jitħallsux.

Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputata tħallas l-ispejjeż kollha ta' l-esperti mqabbdin fl-inkjesta għaliex din saret wara is-16 ta' Jannar 2006.

Min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni ma baqgħetx tinsisti fuq l-ordni ta' sekwestru u l-Qorti mhix tagħti tali ordni minħabba ċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ li juru li dan kien ser ikun eżerċizzju ta' bla ebda frott.

Fl-aħħarnett il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------